Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 12 ta' Ġunju 2017**
**(OR. en)**

**9284/17**

**ECOFIN 393**
**UEM 142**
**SOC 372**
**EMPL 287**
**COMPET 390**
**ENV 489**
**EDUC 217**
**RECH 173**
**ENER 212**
**JAI 470**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | ST 9231/17 ECOFIN 364 UEM 113 SOC 342 EMPL 257 COMPET 359 ENV 459 EDUC 187 RECH 143 ENER 183 JAI 434 - COM(2017) 502 final |
| Suġġett: | Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Bulgarija u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tal-Bulgarija |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u miftiehem minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni COM(2017) 502 final.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta' …**

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Bulgarija**

**u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tal-Bulgarija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika,[1] u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi,[2] u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

---

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
[2] ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9 u fl-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Bulgarija bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.

(2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2017 għall-Bulgarija ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan ir-rapport jivvaluta l-progress tal-Bulgarija biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Bulgarija lejn il-miri Europa 2020 nazzjonali tiegħu. Ir-rapport inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tagħha ġew ippubblikati wkoll fit-22 ta' Frar 2017. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Bulgarija qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. B'mod partikolari, il-Bulgarija għadha qed tesperjenza żbilanċi marbuta ma' fraġilitajiet li għadhom jeżistu fis-settur finanzjarju u minn dejn korporattiv għoli fil-kuntest ta' rata għolja ta' qgħad fit-tul.

(3) Il-Bulgarija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tagħha u l-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tagħha fis-17 ta' Mejju 2017, wara d-data ta' għeluq.

(4) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej (Fondi SIE) li tkopri l-perijodu 2014–2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,[3] fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jeżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effikaċja tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika għaqlija.

(5) Il-Bulgarija bħalissa tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tiegħu, il-Gvern, li qed jibda minn pożizzjoni baġitarja bilanċjata fl-2016, qed jippjana deficit nominali ta' 0,6 % tal-PDG fl-2017. Id-defiċit nominali hu proġettat li jitjieb ftit għal 0,5 % tal-PDG fl-2018 u jinbidel f'bilanċ favorevoli żgħir wara. L-objettiv baġitarju fuq terminu medju – defiċit strutturali ta' 1 % tal-PDG – hu ppjanat li jintlaħaq b’marġni pożittiv tul il-perijodu tal-programm. Skont il-Programm ta’ Konverġenza tal-2017, il-proporzjon ġenerali ta’ dejn tal-gvern mal-PDG huwa mistenni li jonqos gradwalment minn 29,5% tal-PDG fl-2016 għal 23,8% fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-proġettazzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli.

---

[3] Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(6) Fit-12 ta’ Lulju 2016, il-Kunsill irrakkomanda lill-Bulgarija biex għall-2017 tilħaq aġġustament fiskali annwali ta' 0,5 % tal-PDG lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju. Id-data tal-eżitu tindika li l-Bulgarija diġà qabżet l-objettiv baġitarju fuq terminu medju tagħha fl-2016. Abbażi tat-tbassir għar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa previst li jinqaleb minn surplus ta’ 0,1% tal-PDG fl-2016 għal defiċit ta’ 0,4% tal-PDG fl-2017 u ta’ 0,3% tal-PDG fl-2018 fuq bażi li ma tinbidilx il-politika. Minkejja dan id-deterjorament, il-bilanċ strutturali huwa pproġettat li ser jibqa’ ‘l fuq mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju fis-sentejn li huma. Kumplessivament, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li fl-2017 u fl-2018 il-Bulgarija hija proġettata li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir.

(7) L-isforzi biex jitjieb il-ġbir tat-taxxa għadhom għaddejjin. Minkejja titjib, il-konformità mat-taxxa għadha problematika. L-ekonomija s-sewda u x-xogħol mhux iddikjarat għadhom għoljin. Il-piż amministrattiv relatat mat-taxxa tnaqqas iżda għadu sinifikanti. Il-miżuri biex titnaqqas il-burokrazija jidher li taw riżultati limitati sa issa u ma hemmx indikazzjonijiet ta’ titjib kbir fil-konformità volontarja mat-taxxa. F’dawn iċ-ċirkostanzi, l-infurzar tar-regoli jidher li huwa kruċjali mhux biss għall-implimentazzjoni tal-kontrolli, iżda wkoll għat-tisħiħ tal-prevenzjoni tan-nonkonformità mat-taxxa. Il-Pjan ta’ Azzjoni għall-Istrateġija Nazzjonali Unika għall-2015–2017 biex jitjieb il-ġbir tat-taxxi, tiġi indirizzata l-ekonomija s-sewda u jitnaqqsu l-ispejjeż tal-konformità jidher li huwa għodda utli speċjalment għall-evalwazzjoni u t-titjib tal-koordinazzjoni u tal-effiċjenza ta’ għadd ta’ korpi amministrattivi li jaħdmu fil-qasam tat-taxxa. Analiżi ex-post tal-impatti tal-miżuri speċifiċi jistgħu jikkontribwixxu biex isiru valutazzjoni, ippjanar u identifikazzjoni xierqa ta’ miżuri futuri għall-konformità mat-taxxa. Dawn il-miżuri ser jiġu inklużi fi strateġija nazzjonali waħdanija komprensiva biex jieħdu post l-istrateġija attwali, li tiskadi fl-aħħar tal-2017.

(8) L-awtoritajiet Bulgari, f'konsultazzjoni u kooperazzjoni mal-korpi Ewropej rilevanti, wettqu analiżi tal-kwalità tal-assi u testijiet tal-istress bankarju u tas-settur tal-assigurazzjoni, kif ukoll analiżi tal-assi tal-fondi tal-pensjonijiet privati. Filwaqt li r-riżultati kkonfermaw is-saħħa ġenerali tas-setturi, ġew ikkonfermati ċerti vulnerabbiltajiet, inkluż f'xi istituzzjonijiet sistematikament importanti. Peress li l-miżuri ta' segwitu għadhom ma ġewx implimentati b'mod sħiħ, is-sors tal-vulnerabbiltà għadu hemm. Barra minn hekk, xi kwistjonijiet, inkluża l-valwazzjoni tal-istrumenti u tal-assi finanzjarji illikwidi kif ukoll l-iskoperturi għal partijiet relatati, ma ġewx indirizzati bis-sħiħ mit-tliet rieżamijiet. Is-superviżuri jistgħu jieħdu approċċ aktar konservattiv biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet. Kwistjonijiet pendenti fis-settur tal-assigurazzjoni jinkludu wkoll it-trattament ta' ċerti kuntratti tar-riassigurazzjoni, xi riċevibbli tal-assigurazzjoni u s-superviżjoni fil-livell tal-grupp.

(9) Sabiex tiġi indirizzata l-possibbiltà li jerġgħu jitfaċċaw żbilanċi simili fil-futur, il-miżuri biex titjieb is-superviżjoni bankarja jeħtieġu li jitlestew u huma meħtieġa aktar sforzi biex tittejjeb is-superviżjoni mhux bankarja. It-trattament tal-assi mhux faċilment stimabbli u prattiki tan-negozju mhux tajbin, inkluż self lil partijiet relatati u self konness, għadhom ta' sfida ewlenija għall-awtoritajiet. Il-Bank Nazzjonali Bulgaru nieda pjan biex jirriforma u jiżviluppa s-superviżjoni bankarja, ibbażat ukoll fuq is-sejbiet tal-Bank Dinji u tal-FMI. Dan il-pjan qiegħed jiġi implimentat, iżda għandu mnejn ikollu bżonn jiġi emendat fid-dawl tas-sejbiet tal-Programm tal-Valutazzjoni tas-Settur Finanzjarju. In-nuqqasijiet fis-superviżjoni evidenzjati mir-rieżamijiet tal-assigurazzjoni u tal-fondi tal-pensjonijiet jenfasizzaw il-ħtieġa li l-Kummissjoni tas-Superviżjoni Finanzjarja tiżviluppa u timplimenta pjan komprensiv biex tissaħħaħ is-superviżjoni, inkluż billi ttejjeb il-governanza u l-funzjonament interni tagħha. Sabiex tiġi żgurata l-kredibbiltà sħiħa, dan il-pjan għandu jkun ibbażat fuq l-aħjar prassi internazzjonali fil-qasam u għandu jkun ippreparat u implimentat f'kooperazzjoni mill-qrib mal-korpi rilevanti Ewropej, u jinkorpora kontribut minn fornituri terzi ta' servizzi kif meħtieġ.

(10) Id-dejn tal-kumpaniji għadu għoli ('il fuq sew minn dak tal-pajjiżi pari), u dan ipoġġi piż fuq il-karti tal-bilanċ tal-kumpaniji u potenzjalment jillimita d-domanda għall-kreditu u l-investiment fuq terminu medju. Biex jitnaqqas il-livell li għadu għoli ta' self korporattiv mhux produttiv, l-awtoritajiet Bulgari għandhom jiffaċilitaw il-proċess tar-ristrutturar għall-banek billi jibbażaw fuq sett komprensiv ta' għodod. Pereżempju, iħaffu r-riforma tal-qafas tal-insolvenza ħalli jtejbu l-ambjent legali għat-trattament tad-dejn mitluf, inkluż l-għoti ta' opportunitajiet għal ristrutturar barra l-qorti. Lil hinn mill-qafas tal-insolvenza, l-għodda tista' tinkludi gwida superviżorja għal banek b'livelli partikolarment għoljin ta' self improduttiv. Dan jista' jinkludi wkoll azzjonijiet biex id-data dwar il-kwalità tal-assi ssir aktar trasparenti sabiex tgħin biex jiġi approfondit is-suq sekondarju għas-self mhux produttiv.

(11) L-iżviluppi riċenti fis-suq tax-xogħol kienu pożittivi, imma għad fadal problemi strutturali. Il-forza tax-xogħol qed tkompli tiċkien minħabba popolazzjoni li qed tixjieħ flimkien mal-migrazzjoni. Hekk kif l-ekonomija għaddejja minn bidliet strutturali, huwa essenzjali li wieħed jisfrutta l-potenzjal mhux użat tax-xogħol. Attwalment, is-suq tax-xogħol huwa kkaratterizzat minn sehem kbir minn dawk li ilhom qiegħda f'qgħad totali u rata għolja ta' inattività, inklużjoni limitata taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol u nuqqasijiet u diskrepanzi ta' ħiliet. Filwaqt li r-rata tal-qgħad waqgħet taħt il-medja tal-Unjoni fl-2015, il-proporzjon tal-qgħad fit-tul u tar-rata ta' żgħażagħ mhux f'impjieg, fl-edukazzjoni jew f'taħriġ u r-rata baxxa ta' impjiegi ta' persuni b'livell baxx ta' ħiliet għadhom problemi kbar. Fid-dawl ta' dawn l-isfidi, il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol mhumiex immirati biżżejjed lejn il-gruppi żvantaġġati u lejn il-ħtiġijiet tagħhom, u dan ifixkel l-impjegabbiltà tagħhom. Barra minn hekk, l-integrazzjoni insuffiċjenti tas-servizzi tal-impjiegi u dawk soċjali għall-benefiċjarji tal-benefiċċji soċjali tista' tillimita l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

(12) It-titjib tal-eżiti edukattivi u t-tisħiħ tal-provvediment ta' edukazzjoni formali inklużiva ta' kwalità jibqa' ta' sfida, b'konsegwenzi potenzjali fuq il-faqar. Waqt li r-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali għat-tfal naqas bi ftit, dan għadu wieħed mill-ogħla fl-Unjoni u huwa marbut sew mal-livell tal-edukazzjoni tal-ġenituri. Il-kisba ta' ħiliet bażiċi kif imkejla mill-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti tal-OECD (PISA) tal-2015 turi li l-proporzjon ta' dawk li jibqgħu lura fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza għadu wieħed mill-ogħla fl-Unjoni. Il-metodoloġija ppjanata biex ittejjeb il-finanzjament tal-iskejjel għadha trid tiġi żviluppata. Din għandha l-għan li tgħin biex jinkisbu riżultati aktar ekwi billi tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-iskejjel bi prestazzjoni baxxa. Tfal minn familji bi status soċjoekonomiku baxx, b'mod partikolari familji Rom, ma jgawdux minn opportunitajiet edukattivi indaqs *de facto*, inkluż fit-tfulija bikrija. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali qed jiġu riformati, iżda l-kwalità u kooperazzjoni mas-sħab soċjali u kummerċjali mhumiex biżżejjed. L-edukazzjoni doppja għadha qed titnieda. Fl-edukazzjoni għolja, il-finanzjament ibbażat fuq ir-riżultati għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol.

(13) Aċċessibbiltà limitata, finanzjament baxx, l-emigrazzjoni ta' professjonisti u eżiti tas-saħħa dgħajfa għadhom ta' sfida ewlenija fis-sistema tal-kura tas-saħħa. Livell baxx ta' kopertura tal-assigurazzjoni tas-saħħa, inkluż il-kopertura pubblika baxxa tas-servizzi mediċi tal-outpatients u ħlasijiet għolja mħallsa miċ-ċittadin innifsu, jagħmluha diffiċli għal xi wħud biex ikollhom aċċess għall-kura tas-saħħa. Miżuri reċenti, bħal kuntrattar selettiv ta' servizzi ta' sptar ibbażat fuq Mappa tas-Saħħa Nazzjonali, għandhom il-potenzjal li jtejbu l-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-ugwaljanza jekk jiġu implimentati b'mod sħiħ.

(14) Il-paga minima fil-Bulgarija, filwaqt li xorta waħda għadha l-aktar baxxa fl-Unjoni, żdiedet b'mod sinifikanti mill-2011 'l hawn. Ftit li xejn sar progress fl-istabbiliment ta' mekkaniżmu oġġettiv, minkejja l-qbil fuq il-kriterji milħuq bejn min iħaddem u t-trade unions. In-nuqqas ta' mekkaniżmu trasparenti li jqis il-kriterji ekonomiċi u soċjali, il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, u l-aspett istituzzjonali tal-applikazzjoni tagħhom, jista' jipperikola l-bilanċ xieraq bejn l-objettivi ta' sostenn għall-impjiegi u l-kompetittività u ssalvagwardjar tad-dħul mill-impjiegi. Minkejja xi tensjonijiet bejn is-sħab soċjali matul negozjati li fallew għal limiti fuq il-minimu tas-sigurtà soċjali tal-2017, id-djalogu soċjali fil-pajjiż għadu fis-seħħ.

(15) Is-sehem għoli ta' persuni li jgħixu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għadu ta' sfida ekonomika u soċjali prinċipali. Il-Bulgarija għadha l-aktar pajjiż fqir fl-Unjoni u l-gruppi żvantaġġati, bħar-Rom, it-tfal, l-anzjani u l-persuni li jgħixu f'zoni rurali qed jintlaqtu b'mod sproporzjonat. Wara bosta snin ta' titjib sostnut, ir-rata tar-riskju tal-faqar għall-anzjani marret għall-agħar b'mod sostanzjali. In-nisa anzjani jinsabu f'riskju partikolarment għoli ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali minħabba l-perijodu tipikament iqsar ta' kontribuzzjoni tal-pensjoni. Filwaqt li s-sitwazzjoni relattiva tal-faqar tat-tfal tjiebet, il-livelli ta' faqar f'dan il-grupp għadhom għoljin ħafna. Id-deistituzzjonalizzazzjoni tat-tfal qed iżżomm il-momentum tagħha bl-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni ġdid. Madankollu, il-proċess għadu lura għall-adulti u l-persuni b'diżabilità. L-inugwaljanza fl-introjtu tirrappreżenta problema sinifikanti u dejjem tikber. Il-proporzjon bejn l-introjtu ta' 20 % tal-unitajiet domestiċi l-iktar sinjuri ma' dak tal-ifqar 20 % żdied minn 6,1 fl-2012 għal 7,1 fl-2015 u huwa fost l-ogħla fl-Unjoni. Fil-Bulgarija, id-differenza bejn l-inugwaljanza fid-dħul qabel u wara t-taxxi u t-trasferimenti soċjali hija fost l-iżgħar fl-Unjoni. Is-sistema tal-protezzjoni soċjali, inkluż l-iskema ġenerali ta' dħul minimu, ma tipprovdix livelli xierqa ta' appoġġ. Il-kopertura ta' persuni fuq il-benefiċċji soċjali għadha baxxa, minħabba li hija restrittiva ħafna. Il-livell tad-dħul minimu għadu baxx u qatt ma ġie aġġornat mill-2009 'l hawn u ma għandux mekkaniżmu trasparenti ta' aġġustament.

(16) Miżuri biex titjieb is-sistema tal-akkwist pubbliku ġew stabbiliti iżda valur miżjud konkret tagħhom għadu jrid ifeġġ. L-implimentazzjoni xierqa u effiċjenti ta' sistema ġdida ta' kontroll ex ante bbażata fuq ir-riskju jeħtiġilha tiġi żgurata. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-rieżami tas-sistema tal-appell għadha problematika peress li rimedji effiċjenti huma fundamentali għall-implimentazzjoni ta' proġetti importanti. Wara l-valutazzjoni, il-kapaċità amministrattiva tal-Aġenzija tal-Akkwist Pubbliku jkollha tiġi aġġustata biex tirrifletti l-funzjonijiet tal-Aġenzija. Barra minn hekk, il-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet kontraenti għandha tissaħħaħ, inkluż billi tiġi bbażata fuq appoġġ metodoloġiku pprovdut mill-Aġenzija tal-Akkwist Pubbliku u attivitajiet ta' xiri ċentralizzati u/jew anċillari pprovduti mill-Korpi Ċentrali għall-Akkwisti għall-amministrazzjoni ċentrali, il-muniċipalitajiet u s-settur tas-saħħa. Il-ħidma għall-introduzzjoni tal-akkwist pubbliku elettroniku sabiex tissaħħaħ it-trasparenza fl-akkwist pubbliku għadha trid titlesta. Is-salvagwardjar tal-imparzjalità tal-offerti pubbliċi u l-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess possibbli jibqgħu jkunu ta' tħassib importanti. Minkejja r-riforma riċenti mmirata lejn li timmodernizza l-amministrazzjoni pubblika, l-effikaċja u l-effiċjenza tal-istituzzjonijiet pubbliċi għadhom limitati. Fl-2016 tlestew għadd ta' emendi legali biex jistabbilixxu l-qafas legali xieraq, iżda l-infurzar u l-implimentazzjoni effiċjenti u sistematika tagħhom huma diffiċli.

(17) Fl-2016 il-Bulgarija adottat riformi sinifikanti biex tindirizza t-tħassib li baqa' jeżisti dwar l-indipendenza u l-kwalità tas-sistema ġudizzjarja tagħha. Madankollu, peress li dawn ir-riformi ġew adottati reċentement, huwa kmieni wisq biex jiġi vvalutat l-impatt tagħhom. Hemm ħtieġa ta' aktar passi f'għadd ta' oqsma. Il-korruzzjoni wkoll għadha ta' sfida ewlenija fil-Bulgarija u għadha tkun ta' piż fuq l-investiment, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell lokali. Fl-2015, l-awtoritajiet ippreżentaw strateġija ambizzjuża biex jiġġieldu l-korruzzjoni, iżda l-implimentazzjoni tagħha għadha fil-bidu tagħha. Il-politika tal-Bulgarija kontra l-korruzzjoni għadha mxekkla minn istituzzjonijiet dgħajfa u frammentati, rekord ħażin fil-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' livell għoli u nuqqas ta' appoġġ parlamentari għal riforma. Skont il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika[4], il-Bulgarija tirċievi rakkomandazzjonijiet fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. Għalhekk dawn l-oqsma mhumiex koperti mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għall-Bulgarija.

(18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Bulgarija u ppubblikatha fir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2017. Il-Kummissjoni vvalutat ukoll is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Bulgarija fi snin preċedenti.

(19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Bulgarija mistennija tkun konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

(20) Fid-dawl tar-rieżami fil-fond tal-Kummissjoni u din il-valutazzjoni, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (2) u (3) hawn taħt,

---

4 Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress fil-Bulgarija sabiex tindirizza punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 58).

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Bulgarija tieħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

1. Tkompli ttejjeb il-ġbir tat-taxxa u l-konformità tat-taxxa, inkluż permezz ta' sett komprensiv ta' miżuri lil hinn mill-2017. Tintensifika l-infurzar ta' miżuri biex tnaqqas l-ekonomija informali, b'mod partikolari x-xogħol mhux iddikjarat.

2. Tieħu miżuri ta' segwitu fuq ir-rieżamijiet tas-settur finanzjarju, b'mod partikolari dwar il-kuntratti tar-riassigurazzjoni, is-sorveljanza fil-livell ta' grupp, l-assi li mhumiex faċilment stimabbli u l-iskoperturi għal partijiet relatati. Titjieb is-superviżjoni bankarja u mhux bankarja permezz tal-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni komprensivi, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' korpi Ewropej. Tiffaċilita t-tnaqqis ta' self korporattiv improduttiv li għadu għoli, bl-użu ta' sett komprensiv ta' għodod, inkluż billi taċċellera r-riforma tal-qafas tal-insolvenza u billi tippromwovi suq sekondarju funzjonabbli għas-self mhux produttiv.

3. Ittejjeb l-immirar tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u l-integrazzjoni bejn l-impjiegi u s-servizzi soċjali għall-gruppi żvantaġġati. Iżżid l-għoti ta' edukazzjoni ordinarja ta' kwalità, b'mod partikolari lir-Rom. Iżżid il-kopertura tal-assigurazzjoni tas-saħħa, tnaqqas l-pagamenti miċ-ċittadini nnifishom u tindirizza n-nuqqas ta' professjonisti fil-kura tas-saħħa. F'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, tistabbilixxi mekkaniżmu trasparenti għall-iffissar tal-paga minima. Iżżid il-kopertura u l-adegwatezza tad-dħul minimu.

4. Tiżgura implimentazzjoni effiċjenti tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Akkwist Pubbliku 2014–2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*